

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/205

tal-14 ta' Frar 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 fir-rigward tas-*Salmonella* fil-laħam tar-rettili

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 29 ta' April 2004 dwar l-igiene tal-oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 <sup>(2)</sup> jistipula l-kriterji mikrobijoloġiċi għal ċerti mikroorganiżmi u r-regoli ta' implimentazzjoni li jridu jikkonformaw magħhom l-operaturi tan-negozju tal-ikel fir-rigward tar-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi tal-igiene msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.
- (2) B'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jstabilixxi l-kriterji tas-sikurezza tal-ikel li jiddefinixxu l-aċċettabbiltà ta' prodott jew ta' lott ta' oġġetti tal-ikel li japplikaw għall-prodotti mqiegħda fis-suq. Dak ir-Regolament ma jipprevedix il-kriterji tas-sikurezza tal-ikel għal-laħam tar-rettili.
- (3) Il-“European Union summary report on trends and sources of zoonoses, zoonotic agents and food-borne outbreaks in 2016” <sup>(3)</sup> ippubblikat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard jiddikjara li s-salmonellożi tal-bnedmin hija t-tieni marda li tinġarr fl-ikel l-aktar irrappurtata mill-mard fil-bnedmin fl-Unjoni b'madwar 95 000 każ irrappurtat kull sena.
- (4) Fl-2007, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar ir-riskji għas-saħħa pubblika involuti fil-konsum uman tal-laħam tar-rettili <sup>(4)</sup> skont liema r-rettili huma magħrufin sew bħala reservoirs għall-ispeċijiet tas-*Salmonella*. L-opinjoni xjentifika tirreżamina l-prattiki tal-biedja u tosserva rata għolja u ddokumentata tat-trasport ta' trasportaturi ta' pjanti ħajjin li hija riflessa frata ta' kontaminazzjoni daqstant għolja fil-laħam frisk u ffriżat tagħhom. L-opinjoni xjentifika tikkonkludi li s-*Salmonella* titqies li hija l-aktar periklu batterjali rilevanti li jista' jseħħ fil-laħam tar-rettili u tikkostitwixxi riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika.
- (5) Il-produzzjoni tal-laħam tar-rettili fl-Unjoni hija limitata, iżda skont id-*data* disponibbli fil-bażi ta' *data* ta' referenza tal-Eurostat għall-istatistika dettaljata dwar il-kummerċ internazzjonali fl-oġġetti (Comext) <sup>(5)</sup>, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat u ġewwienu li jittiekel tar-rettili wrew xejra 'l fuq matul dawn l-aħħar għaxar snin b'żieda ta' aktar minn 50 % fil-kwantità importata matul il-perjodu 2007–2017 u medja ta' importazzjoni annwali fl-Unjoni ta' kważi 100 tunnellata.
- (6) Fid-dawl tar-riskju potenzjali sinifikanti għas-saħħa minħabba l-preżenza possibbli tas-*Salmonella* fil-laħam tar-rettili, jenħtieġ li jiġi stabbilit kriterju tas-sigurtà fl-ikel fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 għal-laħam tar-rettili. Jenħtieġ li dan il-kriterju tas-sikurezza tal-ikel jobbliga lill-operaturi tan-negozji tal-ikel jieħdu miżuri fl-istadji preċedenti tal-produzzjoni tal-laħam tar-rettili sabiex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-preżenza tas-serotipi kollha tas-*Salmonella* b'sinifikat għas-saħħa pubblika.
- (7) L-istandard internazzjonali EN/ISO 6579 huwa l-metodu orizzontali għas-sejba tas-*Salmonella spp* fl-ikel u fl-oġġetti tal-għalf tal-annimali. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jipprevedi li dak l-istandard ikun il-metodu ta' referenza għall-kriterji tas-sikurezza fl-ikel kollha tas-*Salmonella*. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala l-metodu analitiku ta' referenza biex tiġi vverifikata l-konformità tas-*Salmonella* mal-kriterju tas-sikurezza tal-ikel tal-laħam tar-rettili.

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(3)</sup> EFSA Journal 2017;15(12):5077.

<sup>(4)</sup> EFSA Journal (2007) 578, 1-55.

<sup>(5)</sup> Il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda 0208 50 00 u 0210 93 00 kif definiti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1925 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 282, 31.10.2017, p. 1).

- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2073/2005 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt (q) li ġej:

'(q) 'laħam tar-rettili' tfisser laħam tar-rettili kif stabbilit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 (\*).

(\*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18)

- (2) L-Anness I huwa emendat b'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament;

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Kapitolu 1, tizzied ir-ringiela 1.30 li ġejja:

Kategorija tal-ikel	Mikro-organiżmi/it-tossini tagħhom, metaboliti	Pjan ta' kampjunar		Limiti		Metodu analitiku ta' referenza	Stadju fejn japplika l-kriterju
		n	c	m	M		
"1.30 Laħam tar-reptili	<i>Salmonella</i>	5	0	Mhux individwat f'25 g		EN ISO 6579-1	Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-ħajja tagħhom fuq l-ixkaffa."

(2) fil-Kapitolu 1, in-nota ta' qiegħ il-paġna 2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(2) Għall-punti 1.1-1.24, 1.27a, 1.28-1.30 m = M."